

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/974

tat-12 ta' Ġunju 2019

**li tapprova l-programmi nazzjonali għat-titjib tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura ppreżentati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata bid-dokument C(2019) 4177)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri kollha bagħtu lill-Kummissjoni l-programmi trijennali nazzjonali tagħhom għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2020, 2021 u 2022.
- (2) It-28 programm jissodisfaw l-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u fihom l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lil kull programm nazzjonali għandha tiġi deċiża f'konformità mal-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 <sup>(3)</sup>.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agricoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2020, 2021 u 2022 ippreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma b'dan approvati.

### Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun limitata għall-ammonti massimi kif stipulati fl-Anness għas-snin tal-apikultura 2020, 2021 u 2022.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 tal-11 ta' Mejju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 3).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
Phil HOGAN  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

**Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi nazzjonali tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2020, 2021 u 2022**

(f'EUR)

	Is-sena tal-apikultura 2020	Is-sena tal-apikultura 2021	Is-sena tal-apikultura 2022
Il-Belġju	160 330	160 400	160 255
Il-Bulgarija	1 635 982	1 636 211	1 636 134
Iċ-Ċekja	1 266 168	1 266 168	1 266 168
Id-Danimarka	175 240	163 641	146 265
Il-Ġermanja	1 656 621	1 656 621	1 656 621
L-Estonja	100 000	100 000	100 000
L-Irlanda	45 000	45 000	45 000
Il-Greċja	3 235 867	3 237 292	3 234 354
Spanja	5 634 999	5 635 000	5 634 999
Franza	3 454 130	3 455 651	3 452 515
Il-Kroazja	1 000 850	1 001 291	1 000 382
L-Italja	3 544 718	3 546 279	3 543 060
Ċipru	100 000	100 000	100 000
Il-Latvja	207 500	207 500	248 398
Il-Litwanja	486 900	487 114	486 672
Il-Lussemburgu	15 337	15 344	15 330
L-Ungerija	3 120 330	3 121 704	3 118 871
Malta	8 333	8 333	8 333
In-Netherlands	190 000	190 000	190 000
L-Awstrija	880 301	880 688	879 889
Il-Polonja	3 937 807	3 939 541	3 935 966
Il-Portugall	1 750 000	1 750 000	1 750 000
Ir-Rumanija	5 248 731	5 251 043	5 246 276
Is-Slovenja	380 000	380 000	380 000
Is-Slovakkja	734 909	735 232	734 565
Il-Finlandja	140 500	140 500	140 500
L-Iżvezja	330 857	330 857	330 857
Ir-Renju Unit	558 590	558 590	558 590
EU-28	<b>40 000 000</b>	<b>40 000 000</b>	<b>40 000 000</b>